# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/108

**tas-26 ta' Jannar 2015**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Permezz tas-sentenzi tagħha tat-13 ta' Novembru 2014 fil-Kawżi T-653/11, T-654/11 u T-43/12, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat id-Deċiżjoni tal-Kunsill biex jiġu inklużi Aiman Jaber, Khaled Kaddour, Mohammed Hamcho u Hamcho International fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(3) Aiman Jaber, Khaled Kaddour, Mohammed Hamcho u Hamcho International għandhom jerġgħu jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi, abbażi ta' dikjarazzjonijiet ta' raġunijiet ġodda.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 36/2012 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 għandu jiġi emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. RINKĒVIČS

[1] ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

*ANNESS*

Il-persuni u l-entità li ġejjin għandhom jiddaħħlu fil-lista ta' persuni u entitajiet li tinsab fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

**I. LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI U ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 14 U 15(1)(a)**

A. PERSUNI

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 18. | Mohammed (محمد) Hamcho (حمشو) | Data tat-twelid: 20 ta' Mejju 1966.<br>Nru tal-Passaport 002954347 | Negozjant prominenti Sirjan, is-sid ta' Hamcho International, qrib ta' figuri ewlenin tar-reġim Sirjan, inkluż il-President Bashar al-Assad u Maher al-Assad.<br>Minn Marzu 2014, huwa kien jokkupa l-pożizzjoni ta' President għaċ-Ċina tal-Kunsilli tan-Negozju Bilaterali wara l-ħatra tiegħu mill-Ministru għall-Ekonomija, Khodr Orfali.<br>Mohammed Hamcho jibbenefika minn, u jipprovdi appoġġ lir-reġim Sirjan u huwa assoċjat ma' persuni li jibbenefikaw minn, u jappoġġaw ir-reġim. | 27.1.2015 |
| 28 | Khalid (خالد) (magħruf ukoll bħala Khaled) Qaddur (قدور) (magħruf ukoll bħala Qadour, Qaddour, Kaddour) | | Negozjant prominenti Sirjan, qrib ta' Maher al Assad, figura ewlenija tar-reġim Sirjan.<br>Khalid Qaddur jibbenefika minn, u jipprovdi appoġġ lir-reġim Sirjan u huwa assoċjat ma' persuni li jibbenefikaw minn, u jappoġġaw lir-reġim. | 27.1.2015 |
| 33 | Ayman (أيمن) Jabir (جابر) (magħruf ukoll bħala Aiman Jaber) | Post tat-twelid: Latakia | Negozjant prominenti Sirjan, qrib ta' figuri ewlenin tar-reġim Sirjan bħal Maher al-Assad u Rami Makhlouf.<br>Huwa wkoll ta appoġġ lir-reġim billi ffaċilita l-importazzjoni taż-żejt minn Overseas Petroleum Trading lejn is-Sirja permezz tal-kumpannija tiegħu El Jazireh.<br>Ayman Jabir jibbenefika minn, u jipprovdi appoġġ lir-reġim u huwa assoċjat ma' persuni li jibbenefikaw minn, u jappoġġaw lir-reġim. | 27.1.2015 |

B. ENTITAJIET

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 3. | Hamcho International (magħrufa wkoll bħala Hamsho International Group) | Baghdad Street,<br>PO Box 8254<br>Damasku<br>Tel. 963 112316675<br>Fax 963 112318875<br>Internet: www.hamshointl.com<br>Email: info@hamshointl.com u hamshogroup@yahoo.com | Hamcho International hija kumpannija azzjonarja Sirjana kbira li hija ta' proprjetà ta' Mohammad Hamcho.<br>Hamcho International tibbenefika minn, u tipprovdi appoġġ lir-reġim u hija assoċjata ma' persuna li tibbenefika minn, u tappoġġa lir-reġim. | 27.1.2015 |